# BARRADA

Pet Shop & Fishing Tackle




77, Barrada
St.Paul's Street, Valletta
Mob: 7921 0640


**Il-Bord editorjali u l-Kumitat tal-Festa jinkoraġixxi t-tiżjin tal-galleriji u t-twieqi fil-ġranet tal-Festa. Min jixtieq xi santa kbira ta' Santu Wistin jista' jikseb waħda mill-Uffiċċju tal-Kappillan.**

***Il-Bord Editorjali Flimkien mal-Kumitat tal-Festa Jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Parruċċani kollha .***


# NERIKU CATERERS

Caterers for Weddings, Baptisims, Parties & other Special Occasions

KW27A Qasam Industrijali, Kordin Paola
Tel: 2166 0505 / 6 Fax: 21 66 0508
e-mail: neriku@maltanet.net








*Messaġġ mill-Viċi President ...*

# Il-Postijiet tal-Parroċċa

**Mr. Vince Grech Mallia**



Għeżież parruċċani,

Reġgħet għaddiet sena oħra minn mindu ċċelebrajna l-festa tal-patrun tal-Parroċċa tagħna Santu Wistin u għaldaqstant qiegħed nerġa', bħalma għamilt dan l-aħħar tletin sena, nikteb fuq dan il-programm tal-festa.

Wara li għadda dan iż-żmien kollu li kont fdat mill-membri tal-kumitat tal-festa biex immexxi bħala President, ħassejt li għandi nċedi posti lill-viċi tiegħi Charles Borġ, li ġie milqugħ minn kull membru tal-kumitat tagħna. Min-naħa tiegħi, jiena tajt l-assigurazzjoni li nkompli mmexxi x-xogħol kollu li kont nagħmel fis-snin l-imgħoddija.



Nieħu l-opportunità biex nikteb ukoll dwar xi postijiet fil-parroċċa tagħna li kienu u għadhom ta' użu għall-parruċċani u għall-kumplament tal-Beltin. Triq il-Fran kienet il-punt tat-tluq ta' dan l-artiklu, peress li fi żmien il-Kavallieri kienet it-triq prinċipali tal-ifran tagħhom. ħadt l-opportunità biex inkellem lill-aħwa Zammit li għandhom il-fran tal-ħobż fi Triq San Patrizju.

Minn informazzjoni li ksibt mingħand Emmanuel (Lolu) u Victor Zammit qaluli li n-nannu tagħhom li kien Għawdxi, ħa l-forn f'idejh fis-sena 1900. Dan kien jismu Mikiel Zammit, (li kellu l-laqam Wenzu ħarbat) u kellu disat (9) itfal, ħamsa (5) bniet u erba' (4) subien. Uliedu ramaw għal rashom u wieħed milli baqa' kien Peppi Zammit, li baqa' f'dan il-forn. Dan jiġi Missier Emmanuel, Victor u ġanni li ħalliena. Dan il-forn għadu jaħdem sallum billi jipproduċi ħobż tal-Malti tradizzjonali li nafuh tal-qiegħa li hu mfittex mill-Maltin iżda anki minn barranin li jiġu hawn u jkunu daquh f'xi restorant hawn il-Belt u jistaqsu lis-sidien tar-restorant li jkunu fihom minn fejn jinxtara biex jeħduh magħhom. Minn dan il-forn joħroġ ukoll ħobż magħruf fancy bread. Nieħu l-opportunità minn hawn biex nawgurawlhom għall-futur.

Minn dawn il-ftit kliem nixtieq ukoll nsellem u nirringrazzja lis-sur Johnnie Farruġia li ħalliena fil-bidu ta' din is-sena. Dan kien jieħu ħsieb għal ħafna snin minn qabel ma kienet imwaqqfa din il-parroċċa sabiex jorganizza r-reffiegħa tal-vara tal-festa li niċċelebraw.

F'isem il-komuntà Agostinjana f'din il-parroċċa u f'isem il-kumitat tal-festa u l-parruċċani nirringrazzjawh tax-xogħol siewi li kien jagħmel u niftakru fih fit-talb tagħna. Grazzi Johnnie u l-Mulej jagħtik il-Mistrieħ ta' dejjem.


# Yanjo Bazaar

St. Patrick Street, Valletta

**Prop. I. Curmi**

Għal prezzijiet vantagguzi fuq affarijiet tat-tindif tad-djar, sapun, detergenti w affarijiet oħra bżonnjużi għad-dar.

***Tinghata bonus card li timtela ma' kull xirja minn Lm2 (€4.66c)***

**Il-FESTA T-TAJBA LILL-PARRUCCANI KOLLHA**